DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/264

tal-11 ta' Novembru 2024

li tistabbilixxi l-mudell li jinkludi l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għar-rapportar mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2024) 7744)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2010/40/UE jirrikjedi li sal-21 ta' Marzu 2025 l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u tal-atti delegati adottati abbażi tagħha u tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi mudell għal tali rapport. Fir-rigward tal-atti delegati, ir-Regolamenti ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 305/2013 ([2]), (UE) Nru 885/2013 ([3]), (UE) Nru 886/2013 ([4]), (UE) 2015/962 ([5]), (UE) 2017/1926 ([6]) u (UE) 2022/670 ([7]) ġew adottati. Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/670 irid iħassar ir-Regolament Delegat (UE) 2015/962 mill-1 ta' Jannar 2025, u għaldaqstant il-mudell jenħtieġ li jirreferi biss għar-Regolament Delegat (UE) 2022/670.

(2) F'konformità mal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2010/40/UE, ir-rapport irid jispeċifika l-attivitajiet u l-proġetti nazzjonali prinċipali tal-Istat Membru rigward l-oqsma ta' prijorità u d-disponibbiltà ġeografika tad-*data* u tas-servizzi elenkati fl-Annessi III u IV ta' dik id-Direttiva. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2010/40/UE, ir-rapport irid jiddistingwi bejn in-natura mandatorja jew addizzjonali tal-KPIs (Key Performance Indicators - Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni). Dik id-distinzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-ambitu ġeografiku tal-KPIs u fuq il-kronoloġija tar-rapportar.

(3) Barra minn hekk, l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 2010/40/UE tirrikjedi lill-Istati Membri jirrapportaw kull 3 snin wara r-rapport inizjali dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħha. Għalhekk, il-mudell jenħtieġ li japplika għar-rapporti ta' progress inizjali u sussegwenti.

([1]) ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/40/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 305/2013 tas-26 ta' Novembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment armonizzat ta' eCall interoperabbli fl-UE kollha (ĠU L 91, 3.4.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2013/305/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissuplimenta d-Direttiva ITS 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni għal postijiet tal-parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet u l-vetturi kummerċjali (ĠU L 247, 18.9.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2013/885/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 886/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-*data* u l-proċeduri għall-forniment, fejn possibbli, ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku stradali marbuta mas-sikurezza b'xejn lill-utenti (ĠU L 247, 18.9.2013, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2013/886/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/962 tat-18 ta' Diċembru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha (ĠU L 157, 23.6.2015, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/962/oj).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926 tal-31 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha (ĠU L 272, 21.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/1926/oj).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/670 tat-2 ta' Frar 2022 jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha (ĠU L 122, 25.4.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/670/oj).

(4) Sabiex il-Kummissjoni jkollha informazzjoni ta' politika ta' livell għoli, jenħtieġ li r-rapport jagħti ħjiel dwar id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà maż-żmien tat-tipi ta' *data* elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2010/40/UE u jenħtieġ li jkun ibbażat fuq stimi arrotondati infurmati.

(5) Barra minn hekk, bil-ħsieb li jipprovdu informazzjoni ta' politika ta' livell għoli, jenħtieġ li l-KPIs jagħtu ħjiel dwar il-varar u l-impatt tat-tagħmir u tas-servizzi ITS fl-Unjoni maż-żmien. Għall-KPIs tal-benefiċċju li jivvalutaw l-impatt tas-servizzi ITS fuq il-ħin tal-ivvjaġġar, il-ħabtiet fit-toroq u l-emissjonijiet tas-CO_2, l-għan hu li jinkisbu valuri ta' referenza robusti, ibbażati fuq biżżejjed kampjuni tajbin. Dan jippermetti estrapolazzjoni prudenti fid-dawl tal-limitazzjonijiet tal-kalkoli ta' dawn il-KPIs, ladarba l-impatt tal-ITS xi kultant ikun diffiċli li jiġi iżolat mill-impatt ta' miżuri oħra.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/453/UE [8] stabbiliet linji gwida mhux vinkolanti għar-rapportar mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2010/40/UE. Meta jitqiesu n-natura u l-portata tal-bidliet meħtieġa skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2010/40/UE, b'mod partikolari n-natura mandatorja tal-mudell u tal-kontenut tiegħu, inkluż il-KPIs, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/453/UE titħassar.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tal-ITS,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mudell għar-rapporti inizjali u ta' progress li jinkludu l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2010/40/UE, huwa stabbilit fl-Anness I.

In-natura mandatorja jew addizzjonali tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, skont l-ambitu ġeografiku u l-kronoloġija, hija stabbilita fl-Anness II.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/453/UE titħassar.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Wopke HOEKSTRA
Membru tal-Kummissjoni

[8] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/453/UE tat-13 ta' Lulju 2011 li tadotta linji gwida għar-rappurtar mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 193, 23.7.2011, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2011/453/oj).

ANNESS I

Mudell għar-rapport inizjali u għar-rapporti ta' progress

Id-Direttiva 2010/40/UE

Ir-Rapport ta' Implimentazzjoni 20XX

Isem_il-pajjiż

Data

Werrej

1. Introduzzjoni 5
1.1. Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet u l-proġetti nazzjonali 5
1.2. Progress ġenerali li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti] 5
1.3. Informazzjoni ta' kuntatt 5
2. Proġetti, attivitajiet u inizjattivi ewlenin 5
2.1. Qasam ta' prijorità I. *Servizzi STI ta' informazzjoni u ta' mobbiltà* 5
2.1.1. Deskrizzjoni tal-attivitajiet u tal-proġetti nazzjonali ewlenin 5
2.1.2. Progress li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti] 5
2.1.3. Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha (azzjoni ta' prijorità a) 5
2.1.4. Obbligu ta' rapportar skont ir-Regolament Delegat (UE) 2022/670 fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha (azzjoni ta' prijorità b) 5
2.2. Qasam ta' prijorità II. *Servizzi STI tal-ivvjaġġar, tat-trasport u tal-ġestjoni tat-traffiku* 5
2.2.1. Deskrizzjoni tal-attivitajiet u tal-proġetti nazzjonali ewlenin 5
2.2.2. Progress li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti] 6
2.3. Qasam ta' prijorità III. *Servizzi STI ta' sikurezza u ta' sigurtà fit-toroq* 6
2.3.1. Deskrizzjoni tal-attivitajiet u tal-proġetti nazzjonali ewlenin 6
2.3.2. Progress li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti] 6
2.3.3. eCall 112 (azzjoni ta' prijorità d – ir-Regolament Delegat (UE) Nru 305/2013) 6
2.3.4. Obbligu ta' rapportar skont ir-Regolament Delegat (UE) Nru 886/2013 fir-rigward tad-data u l-proċeduri għall-forniment, fejn possibbli, ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku stradali marbuta mas-sikurezza b'xejn lill-utenti (azzjoni ta' prjorità c) 6
2.3.5. Obbligu ta' rapportar skont ir-Regolament Delegat (UE) Nru 885/2013 fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni għal postijiet tal-parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet u l-vetturi kummerċjali (azzjoni ta' prijorità e) 6
2.4. Qasam ta' prijorità IV. *Servizzi STI għal mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata* 6
2.4.1. Deskrizzjoni tal-attivitajiet u tal-proġetti nazzjonali ewlenin 6
2.4.2. Progress li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti] 6
2.5. Id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà permezz tal-NAPs tat-tipi ta' *data* elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2010/40/UE 7
2.5.1. Data relatata mal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku fit-toroq u dwar in-navigazzjoni mal-UE kollha 7
2.5.2. Data relatata ma' informazzjoni u ma' servizzi ta' prenotazzjoni għal postijiet ta' parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet u għall-vetturi kummerċjali 9
2.5.3. Data dwar avvenimenti jew kundizzjonijiet identifikati relatati mas-sikurezza fit-toroq li jikkonċernaw l-informazzjoni minima universali dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza fit-toroq 10
2.5.4. Data statika dwar it-traffiku multimodali għal servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha 10

2.6. Disponibbiltà tas-servizzi elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 2010/40/UE 11
2.6.1. Servizzi ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza fit-toroq 11
2.7. Inizjattivi / punti ewlenin oħra 11
2.7.1. Deskrizzjoni ta' inizjattivi / punti ewlenin nazzjonali oħra u proġetti mhux koperti fl-oqsma ta' prijorità 1 sa 4: 11
2.7.2. Progress li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti] 11
3. Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs, Key Performance Indicators) 11
3.1. Varar tal-KPIs 11
3.1.1. Infrastrutturi / tagħmir għall-ġbir tal-informazzjoni (KPI tat-triq) 11
3.1.2. Detezzjoni tal-inċidenti (KPI tat-triq) 11
3.1.3. Miżuri ta' ġestjoni tat-traffiku u ta' kontroll tat-traffiku (KPI tat-triq) 11
3.1.4. Servizzi u applikazzjonijiet ta' STI kooperattivi (KPI tat-triq) 12
3.1.5. Informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali (KPI tat-triq) 12
3.1.6. Informazzjoni dinamika dwar l-ivvjaġġar (KPI multimodali) 12
3.1.7. Informazzjoni dwar il-merkanzija (jekk possibbli multimodali jew KPI tat-triq) 12
3.2. KPIs tal-benefiċċji 12
3.2.1. Bidla fil-ħin tal-ivvjaġġar (KPI tat-triq) 12
3.2.2. Bidla fl-għadd ta' ħabtiet fit-toroq li jirriżultaw fi mwiet jew f'korrimenti (KPI tat-triq) 13
3.2.3. Bidla fl-emissjonijiet tas-CO_2 mit-traffiku (KPI tat-triq) 13
3.3. KPIs finanzjarji 13

1. **Introduzzjoni**

1.1. **Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet u l-proġetti nazzjonali**

Inklużi l-leġiżlazzjoni jew l-istrateġiji nazzjonali dwar is-Servizzi ta' Trasport Intelliġenti ("STI"), jew it-tnejn li huma

1.2. **Progress ġenerali li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti]**

Sommarju tal-progress li sar mir-rapport preċedenti:

1.3. **Informazzjoni ta' kuntatt**

2. **Proġetti, attivitajiet u inizjattivi ewlenin**

2.1. **Qasam ta' prijorità I. Servizzi STI ta' informazzjoni u ta' mobbiltà**

2.1.1. *Deskrizzjoni tal-attivitajiet u tal-proġetti nazzjonali ewlenin*

Deskrizzjoni tal-inizjattivi rilevanti, l-objettiv, il-perjodu ta' żmien, l-istadji importanti, ir-riżorsi, il-parti(jiet) kkonċernata/ikkonċernati ewlenija/ewlenin u l-istatus tagħhom:

2.1.2. *Progress li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti]*

Deskrizzjoni tal-progress li sar fil-qasam mill-[sena tar-rapport preċedenti]:

2.1.3. *Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha (azzjoni ta' prijorità a)*

Il-progress li sar f'termini tal-aċċessibbiltà, l-iskambju u l-użu mill-ġdid tat-tipi ta' *data* dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku stabbiliti fl-Anness:

L-ambitu ġeografiku tad-*data* stabbilita fl-Anness aċċessibbli permezz tal-punt ta' aċċess nazzjonali, u l-kwalità tagħha, inklużi l-kriterji użati għad-definizzjoni ta' din il-kwalità u l-mezzi użati għall-monitoraġġ tagħha:

Il-konnessjoni tas-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar:

Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 9:

Deskrizzjoni tal-bidliet fil-punt nazzjonali jew fil-punt komuni ta' aċċess, fejn rilevanti:

Informazzjoni addizzjonali (eż. il-mobilityDCAT-AP jew il-katalgi ta' metadata oħra ġew implimentati?):

2.1.4. *Obbligu ta' rapportar skont ir-Regolament Delegat (UE) 2022/670 fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha (azzjoni ta' prijorità b)*

Il-progress li sar f'termini tal-aċċessibbiltà, tal-iskambju u tal-użu mill-ġdid tat-tipi ta' *data* stabbiliti fl-Anness:

L-ambitu ġeografiku tad-*data* aċċessibbli permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali, il-bidliet fin-network primarju tat-toroq u fil-kontenut tad-*data* tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali u l-kwalità tagħhom, inklużi l-kriterji użati għad-definizzjoni ta' din il-kwalità u l-mezzi użati għall-monitoraġġ tagħha:

Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 12 bir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 11:

Deskrizzjoni tal-bidliet fil-punt nazzjonali jew fil-punt komuni ta' aċċess, fejn rilevanti:

Informazzjoni addizzjonali (eż. liema tipi ta' *data* qed jiġu pprovduti? Ġew implimentati l-mobilityDCAT-AP jew katalgi ta' metadata oħra? Ir-rekwiżiti tal-kwalità qed jiġu vverifikati?):

2.2. **Qasam ta' prijorità II. Servizzi STI tal-ivvjaġġar, tat-trasport u tal-ġestjoni tat-traffiku**

2.2.1. *Deskrizzjoni tal-attivitajiet u tal-proġetti nazzjonali ewlenin*

Deskrizzjoni tal-inizjattivi rilevanti, l-objettiv, il-perjodu ta' żmien, l-istadji importanti, ir-riżorsi, il-parti(jiet) kkonċernata/ikkonċernati ewlenija/ewlenin u l-istatus tagħhom:

2.2.2. *Progress li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti]*

Deskrizzjoni tal-progress li sar fil-qasam mill-[sena tar-rapport preċedenti]:

2.3. **Qasam ta' prijorità III. Servizzi STI ta' sikurezza u ta' sigurtà fit-toroq**

2.3.1. *Deskrizzjoni tal-attivitajiet u tal-proġetti nazzjonali ewlenin*

Deskrizzjoni tal-inizjattivi rilevanti, l-objettiv, il-perjodu ta' żmien, l-istadji importanti, ir-riżorsi, il-parti(jiet) kkonċernata/ikkonċernati ewlenija/ewlenin u l-istatus tagħhom:

2.3.2. *Progress li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti]*

Deskrizzjoni tal-progress li sar fil-qasam mill-[sena tar-rapport preċedenti]:

2.3.3. *eCall 112 (azzjoni ta' prijorità d – ir-Regolament Delegat (UE) Nru 305/2013)*

Informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rigward l-infrastruttura tal-PSAPs għall-eCall nazzjonali u l-awtoritajiet li huma kompetenti biex jivvalutaw il-konformità tal-operati tal-PSAPs għall-eCall:

Informazzjoni addizzjonali:

2.3.4. *Obbligu ta' rapportar skont ir-Regolament Delegat (UE) Nru 886/2013 fir-rigward tad-data u l-proċeduri għall-forniment, fejn possibbli, ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku stradali marbuta mas-sikurezza b'xejn lill-utenti (azzjoni ta' prijorità c)*

Il-progress li sar fl-implimentazzjoni tas-servizz ta' informazzjoni, inklużi l-kriterji użati biex jiġi definit il-livell tal-kwalità tiegħu u l-mezzi użati għall-monitoraġġ tal-kwalità tiegħu:

Ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 3 sa 8 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 886/2013:

Fejn rilevanti, deskrizzjoni tal-bidliet fil-punt ta' aċċess nazzjonali:

Informazzjoni addizzjonali (eż. sorsi tad-*data* użati għall-forniment ta' informazzjoni dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza):

2.3.5. *Obbligu ta' rapportar skont ir-Regolament Delegat (UE) Nru 885/2013 fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni għal postijiet tal-parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet u l-vetturi kummerċjali (azzjoni ta' prijorità e)*

Għadd ta' postijiet ta' parkeġġ u spazji ta' parkeġġ differenti fit-territorju tagħhom:

Perċentwal ta' postijiet ta' parkeġġ irreġistrati fis-servizz ta' informazzjoni:

Perċentwal ta' postijiet ta' parkeġġ li jipprovdu informazzjoni dinamika dwar id-disponibbiltà tal-ispazji tal-parkeġġ u taż-żoni ta' prijorità:

Informazzjoni addizzjonali: (eż. ġie stabbilit punt ta' aċċess nazzjonali biex jipprovdi *data* dwar il-parkeġġ tat-trakkijiet? Dan jinkludi *data* dinamika? X'inhu s-sors tad-*data* (pubbliku / privat)? Id-*data* ppubblikata dwar il-Punt ta' Aċċess Ewropew għall-Parkeġġ tat-Trakkijiet hija ospitata mid-DĠ MOVE? Jekk le, hemm xi intenzjoni li dan isir fil-futur?)

2.4. **Qasam ta' prijorità IV. Servizzi STI għal mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata**

2.4.1. *Deskrizzjoni tal-attivitajiet u tal-proġetti nazzjonali ewlenin*

Deskrizzjoni tal-inizjattivi rilevanti, l-objettiv, il-perjodu ta' żmien, l-istadji importanti, ir-riżorsi, il-parti(jiet) kkonċernata/ikkonċernati ewlenija/ewlenin u l-istatus tagħhom: b'mod partikolari, tipprovdi informazzjoni dwar l-inizjattivi ta' varar tas-C-STI u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom.

2.4.2. *Progress li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti]*

Deskrizzjoni tal-progress li sar fil-qasam mill-[sena tar-rapport preċedenti]:

2.5. **Id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà permezz tal-NAPs tat-tipi ta' *data* elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2010/40/UE**

Prinċipji ta' kalkolu:

* *Għall-informazzjoni statika: abbażi tat-tul diviż bit-tul totali f'kilometri. It-tul totali huwa t-tul tan-network li fuqu teżisti l-informazzjoni sottostanti, eż. il-limiti tal-veloċità japplikaw (kważi) kullimkien, iżda l-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-mini japplikaw biss għal (it-tul ta') sezzjonijiet tal-mini.*

** *Għall-informazzjoni dinamika/temporanja: id-disponibbiltà tad-data tirreferi għall-kapaċità li d-data ssir disponibbli u aċċessibbli f'format li jinqara mill-magni fuq ċertu perċentwal tan-network, kull meta teżisti / tidher l-informazzjoni sottostanti, abbażi tat-tul tan-network b'din il-kapaċità diviż bit-tul totali f'kilometri.*

2.5.1. *Data relatata mal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku fit-toroq u dwar in-navigazzjoni mal-UE kollha*

Tip ta' *data*	Kopertura ġeografika	% tal-ambitu ġeografiku fejn it-tip ta' *data* huwa disponibbli		Kummenti
1. Data relatata mal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku fit-toroq u dwar in-navigazzjoni fl-UE kollha:				
1.1 Kategorija: Regolamenti tat-traffiku statiċi u dinamiċi, fejn applikabbli, inkluż:				
1.1.1 Subkategorija: — kundizzjonijiet tal-aċċess għall-mini — kundizzjonijiet tal-aċċess għall-pontijiet — limiti tal-veloċità — projbizzjonijiet ta' qbiż ta' vetturi oħra għal vetturi tqal tal-merkanzija — restrizzjonijiet fuq il-piż/it-tul/il-wisa'/l-għoli	In-network trans-Ewropew *ewlieni* għat-toroq	kundizzjonijiet tal-aċċess għall-mini*	*%* *[Nota: il-possibbiltà li jiġi pprovduti n-numru u l-% tal-mini, jekk aktar rilevanti]*	
		kundizzjonijiet tal-aċċess għall-pontijiet*	*%* *[Nota: il-possibbiltà li jiġu pprovduti l-għadd u l-% tal-pontijiet, jekk aktar rilevanti]*	
		limiti tal-veloċità*	*%*	
		projbizzjonijiet ta' qbiż ta' vetturi oħra għal vetturi tqal tal-merkanzija*	*%*	
		restrizzjonijiet fuq il-piż/it-tul/il-wisa'/l-għoli*	*%*	
	In-network trans-Ewropew komprensiv għat-toroq, għal awtostradi oħra u għal sezzjonijiet ta' toroq primarji, fejn il-medja annwali totali ta' traffiku ta' kuljum hija aktar minn 8 500 vettura, u t-toroq kollha tal-ibliet fiċ-ċentru ta' kull Nodu Urban (limitati għal > 7 000 vettura kuljum, jekk applikabbli)	kundizzjonijiet tal-aċċess għall-mini*	*%*	
		kundizzjonijiet tal-aċċess għall-pontijiet*	*%*	
		limiti tal-veloċità*	*%*	
		projbizzjonijiet ta' qbiż ta' vetturi oħra għal vetturi tqal tal-merkanzija*	*%*	
		restrizzjonijiet fuq il-piż/it-tul/il-wisa'/l-għoli*	*%*	

Subkategorija: — toroq f'direzzjoni waħda	*L-infrastruttura tat-toroq tal-ibliet fiċ-ċentru ta' kull Nodu Urban*	toroq f'direzzjoni waħda*	*%* *[Nota: il-possibbiltà li jiġu pprovduti wkoll l-għadd u l-% tal-ibliet li jistgħu jipprovdu tali data, jekk rilevanti]*	
Subkategorija: — regolamenti dwar il-kunsinna tal-merkanzija	*L-infrastruttura tat-toroq tal-ibliet fiċ-ċentru ta' kull Nodu Urban*	regolamenti dwar il-kunsinna tal-merkanzija*	*%* *[Nota: il-possibbiltà li jiġu pprovduti wkoll l-għadd u l-% tal-ibliet li jistgħu jipprovdu tali data, jekk rilevanti]*	
Subkategorija: — direzzjoni tal-ivvjaġġar f'korsiji riversibbli	*In-network trans-Ewropew ewlieni u dak komprensiv għat-toroq, għal awtostradi oħra u għal sezzjonijiet ta' toroq primarji, fejn il-medja annwali totali tat-traffiku ta' kuljum hija aktar minn 8 500 vettura, u t-toroq kollha tal-ibliet fiċ-ċentru ta' kull Nodu Urban (limitati għal > 7 000 vettura kuljum, jekk applikabbli)*	direzzjoni tal-ivvjaġġar f'korsiji riversibbli*	*%*	
Subkategorija: — pjanijiet taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku	*In-network trans-Ewropew ewlieni u dak komprensiv għat-toroq, għal awtostradi oħra u għal sezzjonijiet ta' toroq primarji, fejn il-medja annwali totali tat-traffiku ta' kuljum hija aktar minn 8 500 vettura, u t-toroq kollha tal-ibliet fiċ-ċentru ta' kull Nodu Urban (limitati għal > 7 000 vettura kuljum, jekk applikabbli)*	pjanijiet taċ-ċirkolazzjonijiet tat-traffiku*	*%* *[Nota: il-possibbiltà li jiġu pprovduti l-għadd u l-% tal-pjanijiet taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, jekk it-tul tan-network ikun impossibbli li jiġi kkalkulat]*	
Subkategorija: — restrizzjonijiet fuq l-aċċess permanenti	*In-network trans-Ewropew ewlieni u dak komprensiv għat-toroq, għal awtostradi oħra u għal sezzjonijiet ta' toroq primarji, fejn il-medja annwali totali tat-traffiku ta' kuljum hija aktar minn 8 500 vettura, u t-toroq kollha tal-ibliet fiċ-ċentru ta' kull Nodu Urban (limitati għal > 7 000 vettura kuljum, jekk applikabbli)*	restrizzjonijiet fuq l-aċċess permanenti*	*%*	
Subkategorija: — konfini tar-restrizzjonijiet, projbizzjonijiet jew obbligi b'validità żonali, status ta' aċċess attwali u kundizzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni f'żoni tat-traffiku regolati	*In-network trans-Ewropew ewlieni u dak komprensiv għat-toroq, għal awtostradi oħra u għal sezzjonijiet ta' toroq primarji, fejn il-medja annwali totali tat-traffiku ta' kuljum hija aktar minn 8 500 vettura, u t-toroq kollha tal-ibliet fiċ-ċentru ta' kull Nodu Urban (limitati għal > 7 000 vettura kuljum, jekk applikabbli)*	konfini tar-restrizzjonijiet, projbizzjonijiet jew obbligi b'validità żonali, status ta' aċċess attwali u kundizzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni f'żoni tat-traffiku regolati*	*%* *[Nota: jekk it-tul tan-network ikun impossibbli li jiġi kkalkulat, il-possibbiltà li jiġu pprovduti l-għadd u l-% tal-konfini tar-restrizzjonijiet, il-projbizzjonijiet, eċċ.]*	

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/264/oj

1.2 Tipi ta' data dwar l-istat tan-network:				
Subkategorija: — toroq magħluqa — korsiji magħluqa — xogħlijiet fit-toroq	*In-network trans-Ewropew ewlieni għat-toroq*	toroq magħluqa**	%	
		korsiji magħluqa**	%	
		xogħlijiet fit-toroq**	%	
	In-network trans-Ewropew komprensiv għat-toroq	toroq magħluqa**	%	
		korsiji magħluqa**	%	
		xogħlijiet fit-toroq**	%	
Subkategorija: — miżuri temporanji għall-ġestjoni tat-traffiku	*In-network trans-Ewropew ewlieni u dak komprensiv għat-toroq*	miżuri temporanji għall-ġestjoni tat-traffiku**	%	

2.5.2. *Data relatata ma' informazzjoni u ma' servizzi ta' prenotazzjoni għal postijiet ta' parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet u għall-vetturi kummerċjali*

Tip ta' *data*	Kopertura ġeografika	% tal-postijiet tal-parkeġġ li għalihom hemm *data* disponibbli		Kummenti
2. Data relatata ma' informazzjoni u ma' servizzi ta' prenotazzjoni għal postijiet ta' parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet u għall-vetturi kummerċjali:				
Kategorija: data statika *Subkategorija:* — *data* statika relatata maż-żoni ta' parkeġġ — informazzjoni dwar is-sikurezza u t-tagħmir taż-żona ta' parkeġġ	*In-network trans-Ewropew ewlieni għat-toroq*	*data* statika relatata maż-żoni ta' parkeġġ	%	
		informazzjoni dwar is-sikurezza u t-tagħmir taż-żona ta' parkeġġ	%	
	In-network trans-Ewropew komprensiv għat-toroq	*data* statika relatata maż-żoni ta' parkeġġ	%	
		informazzjoni dwar is-sikurezza u t-tagħmir taż-żona ta' parkeġġ	%	
Kategorija: data dinamika *Subkategorija:* — *data* dinamika dwar id-disponibbiltà tal-postijiet ta' parkeġġ inkluż jekk parkeġġ huwiex: mimli, magħluq, jew l-għadd ta' postijiet vojta li huma disponibbli.	*In-network trans-Ewropew ewlieni u dak komprensiv għat-toroq*	*data* dinamika dwar id-disponibbiltà tal-postijiet ta' parkeġġ inkluż jekk parkeġġ huwiex: mimli, magħluq, jew l-għadd ta' postijiet vojta li huma disponibbli.	%	

2.5.3. *Data dwar avvenimenti jew kundizzjonijiet identifikati relatati mas-sikurezza fit-toroq li jikkonċernaw l-informazzjoni minima universali dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza fit-toroq*

Tip ta' *data*	Kopertura ġeografika	% tal-ambitu ġeografiku fejn it-tip ta' *data* huwa disponibbli		Kummenti
3. Data dwar avvenimenti jew kundizzjonijiet identifikati relatati mas-sikurezza fit-toroq li jikkonċernaw l-informazzjoni minima universali dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza fit-toroq:				
Kategorija: data dinamika *Subkategorija:* — triq temporanjament tiżloq — annimali, persuni, ostakli, skart fit-triq — żona ta' aċċidenti mhux protetta — xogħlijiet fit-toroq għal żmien qasir — sewwieq fid-direzzjoni l-ħażina — imblokkar ta' triq mhux immaniġġjat	*In-network trans-Ewropew ewlieni u dak komprensiv għat-toroq u għal awtostradi oħra mhux inklużi f'dak in-network*	triq temporanjament tiżloq**	%	
		annimali, persuni, ostakli, skart fit-triq**	%	
		żona ta' aċċidenti mhux protetta**	%	
		xogħlijiet fit-toroq għal żmien qasir**	%	
		sewwieq fid-direzzjoni l-ħażina**	%	
		imblokkar ta' triq mhux immaniġġjat**	%	
Subkategorija: — viżibbiltà mnaqqsa — kundizzjonijiet tat-temp eċċezzjonali	*In-network trans-Ewropew ewlieni u dak komprensiv għat-toroq u għal awtostradi oħra mhux inklużi f'dak in-network*	viżibbiltà mnaqqsa**	%	
		kundizzjonijiet tat-temp eċċezzjonali**	%	

2.5.4. *Data statika dwar it-traffiku multimodali għal servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha*

**** Fejn possibbli, ipprovdi ċ-ċifri għal kull mezz ta' trasport skedat, imsemmi fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1926 (bħall-ajru, il-ferroviji inklużi l-ferroviji b'veloċità għolja, il-ferroviji konvenzjonali, il-ferroviji ħfief, il-funikular, il-coaches għal distanzi twal, it-trasport marittimu inkluż bil-lanċa, il-passaġġi fuq l-ilma interni, il-metro, it-tramm, ix-xarabank, it-trolley-bus)*

Tip ta' *data*	Kopertura ġeografika	% tan-nodi fejn id-*data* hija disponibbli għall-mod tat-trasport skedat		Kummenti
4. Data statika dwar it-traffiku multimodali għas-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha:				
Kategorija Il-lokalizzazzjoni tan-nodi ta' aċċess identifikati għall-modi skedati kollha, inkluża informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tan-nodi ta' aċċess u tal-mogħdijiet f'interkambju (bħall-eżistenza ta' liftijiet, skali mobbli)	*Nodi urbani kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (p), tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 u elenkati f'dak ir-Regolament, inklużi dawk amministrati mill-ibliet*	Il-lokalizzazzjoni tan-nodi ta' aċċess identifikati għall-modi skedati kollha, inkluża informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tan-nodi ta' aċċess u tal-mogħdijiet f'interkambju (bħall-eżistenza ta' liftijiet, skali mobbli)***	%	
	In-network tat-trasport kollu tal-Unjoni	Il-lokalizzazzjoni tan-nodi ta' aċċess identifikati għall-modi skedati kollha, inkluża informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tan-nodi ta' aċċess u tal-mogħdijiet f'interkambju (bħall-eżistenza ta' liftijiet, skali mobbli)***	%	

2.6. **Disponibbiltà tas-servizzi elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 2010/40/UE**

2.6.1. *Servizzi ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza fit-toroq*

Servizz	Kopertura ġeografika	% tal-ambitu ġeografiku kopert
Servizz ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza fit-toroq (SRTI, safety-related traffic information)	In-network trans-Ewropew *ewlieni u komprensiv* għat-toroq	%

2.7. **Inizjattivi / punti ewlenin oħra**

2.7.1. *Deskrizzjoni ta' inizjattivi / punti ewlenin nazzjonali oħra u proġetti mhux koperti fl-oqsma ta' prijorità 1 sa 4:*

Deskrizzjoni tal-inizjattivi rilevanti, l-objettiv, il-perjodu ta' żmien, l-istadji importanti, ir-riżorsi, il-parti(jiet) kkonċernata/ikkonċernati ewlenija/ewlenin u l-istatus tagħhom:

2.7.2. *Progress li sar mill-[sena tar-rapport preċedenti]*

Deskrizzjoni tal-progress li sar fil-qasam mill-[sena tar-rapport preċedenti]:

3. **INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI (KPIS, KEY PERFORMANCE INDICATORS)**

Il-KPIs jiġu rrapportati separatament skont it-tip ta' network tat-toroq / network tat-trasport u nodi (fejn xieraq).

3.1. **Varar tal-KPIs**

3.1.1. *Infrastrutturi / tagħmir għall-ġbir tal-informazzjoni (KPI tat-triq)*

Iċ-ċifri jridu jiġu pprovduti skont it-tip ta' network.

Iċ-ċifri jridu jiġu pprovduti skont it-tip ta' servizzi, u fejn rilevanti billi ssir distinzjoni bejn it-tagħmir fiss u mobbli.

Il-KPIs iridu jiġu kkalkulati skont it-tip ta' network.

— It-tul tat-tip ta' network tat-toroq / tas-sezzjonijiet tat-toroq (f'km) mgħammra b'infrastrutturi ta' ġbir ta' informazzjoni u d-daqs totali ta' dan l-istess tip ta' network tat-toroq (f'km):

— KPI = (kilometri ta' tip ta' network tat-toroq mgħammra b'infrastrutturi ta' ġbir ta' informazzjoni / total ta' kilometri tal-istess tip ta' network tat-toroq) × 100

3.1.2. *Detezzjoni tal-inċidenti (KPI tat-triq)*

Iċ-ċifri jridu jiġu pprovduti skont it-tip ta' network.

Il-KPI irid jiġi kkalkulat skont it-tip ta' network.

— It-tul tat-tip ta' network tat-toroq / tas-sezzjonijiet tat-toroq (f'km) mgħammra b'STI biex jidentifikaw l-inċident u t-tul totali ta' dan l-istess tip ta' network tat-toroq (f'km):

— KPI = (kilometri ta' tip ta' network tat-toroq mgħammra b'STI għad-detezzjoni ta' inċidenti / total ta' kilometri tal-istess tip ta' network tat-toroq) × 100

3.1.3. *Miżuri ta' ġestjoni tat-traffiku u ta' kontroll tat-traffiku (KPI tat-triq)*

Iċ-ċifri jridu jiġu pprovduti skont it-tip ta' network.

Il-KPI jrid jiġi kkalkulat skont it-tip ta' network.

— It-tul tat-tip ta' network tat-toroq / tas-sezzjonijiet tat-toroq (f'km) koperti mill-miżuri tal-ġestjoni tat-traffiku u tal-kontroll tat-traffiku u t-tul totali ta' dan l-istess tip ta' network tat-toroq (f'km):

— KPI = (kilometri ta' tip ta' network tat-toroq koperti minn miżuri ta' ġestjoni tat-traffiku u ta' kontroll tat-traffiku / total ta' kilometri tal-istess tip ta' network tat-toroq) × 100

3.1.4. *Servizzi u applikazzjonijiet ta' STI kooperattivi (KPI tat-triq)*

Iċ-ċifri jridu jiġu pprovduti skont it-tip ta' network.

Il-KPI jrid jiġi kkalkulat skont it-tip ta' network.

— It-tul tat-tip ta' network tat-toroq / tas-sezzjonijiet tat-toroq (f'km) koperti mis-servizzi jew mill-applikazzjonijiet tas-C-STI u t-tul totali ta' dan l-istess tip ta' network tat-toroq (f'km):

— KPI = (kilometri tat-tip ta' network tat-toroq koperti mis-servizzi jew mill-applikazzjonijiet tas-C-STI / total ta' kilometri tal-istess tip ta' network tat-toroq) × 100

3.1.5. *Informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali (KPI tat-triq)*

Iċ-ċifri jridu jiġu pprovduti skont it-tip ta' network.

Il-KPI jrid jiġi kkalkulat skont it-tip ta' network.

— It-tul tat-tip ta' network tat-toroq / tas-sezzjonijiet tat-toroq (f'km) bil-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali u t-tul totali ta' dan l-istess tip ta' network tat-toroq (f'km):

— KPI = (kilometri tat-tip ta' network tat-toroq bil-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali / total ta' kilometri tal-istess tip ta' network tat-toroq) × 100

3.1.6. *Informazzjoni dinamika dwar l-ivvjaġġar (KPI multimodali)*

Iċ-ċifri jridu jiġu pprovduti skont it-tip ta' network / nodu.

Il-KPI jrid jiġi kkalkulat skont it-tip ta' network / nodu (fejn rilevanti); jekk rilevanti, indika l-proporzjon ta' servizzi aċċessibbli għall-passiġġieri b'mobbiltà, b'orjentazzjoni u/jew b'komunikazzjoni mnaqqsa.

— It-tul tat-tip ta' network tat-trasport (f'km) bil-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar dinamiċi u t-tul totali ta' dan l-istess tip ta' network tat-trasport (f'km):

— L-għadd ta' nodi tat-trasport (eż. stazzjonijiet ferrovjarji jew tal-karozzi tal-linja) koperti minn servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar dinamiċi u l-għadd totali tal-istess nodi tat-trasport:

— KPI = (kilometri tat-tip ta' network tat-trasport bil-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar dinamiċi / total ta' kilometri tal-istess tip ta' network tat-trasport) × 100

— KPI = (l-għadd ta' nodi tat-trasport bil-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar dinamiċi / l-għadd totali tal-istess nodi tat-trasport) × 100

3.1.7. *Informazzjoni dwar il-merkanzija (jekk possibbli multimodali jew KPI tat-triq)*

Iċ-ċifri jridu jiġu pprovduti skont it-tip ta' network / nodu.

Il-KPI jrid jiġi kkalkulat skont it-tip ta' network / nodu (fejn rilevanti); jekk rilevanti, indika l-proporzjon ta' servizzi aċċessibbli għall-passiġġieri b'mobbiltà, b'orjentazzjoni u/jew b'komunikazzjoni mnaqqsa.

— It-tul tat-tip ta' network tat-toroq / tas-sezzjonijiet tat-toroq (f'km) bil-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-merkanzija u t-tul totali ta' dan l-istess tip ta' network tat-toroq (f'km):

— L-għadd ta' nodi tal-merkanzija (eż. portijiet, pjattaformi loġistiċi) koperti mis-servizzi ta' informazzjoni dwar il-merkanzija u l-għadd totali tal-istess nodi tal-merkanzija:

— KPI = (kilometri tat-tip ta' network tat-toroq bil-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-merkanzija / total ta' kilometri tal-istess tip ta' network tat-toroq) × 100

— KPI = (l-għadd ta' nodi tal-merkanzija bil-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-merkanzija / l-għadd totali tal-istess nodi tal-merkanzija) × 100

3.2. **KPIs tal-benefiċċji**

3.2.1. *Bidla fil-ħin tal-ivvjaġġar (KPI tat-triq)*

Iċ-ċifri li jridu jiġu pprovduti jinkludu wkoll il-vehicle.km għar-rotta / għaż-żona kkunsidrata.

KPI = ((il-ħin tal-ivvjaġġar qabel l-implimentazzjoni jew it-titjib ta' STI — il-ħin tal-ivvjaġġar wara l-implimentazzjoni jew it-titjib ta' STI) / il-ħin tal-ivvjaġġar qabel l-implimentazzjoni jew it-titjib ta' STI) × 100

3.2.2. *Bidla fl-għadd ta' ħabtiet fit-toroq li jirriżultaw fi mwiet jew f'korrimenti (KPI tat-triq)*

Jekk ikun possibbli, tista' ssir distinzjoni bejn ħabtiet li jirriżultaw fi mwiet, korrimenti serji jew korrimenti ħfief.

Iċ-ċifri li jridu jiġu pprovduti jinkludu wkoll il-vehicle.km għar-rotta / għaż-żona kkunsidrata.

— L-għadd ta' ħabtiet fit-toroq li jirriżultaw fi mwiet jew f'korrimenti qabel l-implimentazzjoni jew it-titjib ta' STI:

— L-għadd ta' ħabtiet fit-toroq li jirriżultaw fi mwiet jew f'korrimenti wara l-implimentazzjoni jew it-titjib ta' STI:

3.2.3. *Bidla fl-emissjonijiet tas-CO_2 mit-traffiku (KPI tat-triq)*

Jekk jogħġbok speċifika r-rotot / iż-żoni fejn STI ġie implimentat jew imtejjeb. It-tul li matulu jew iż-żona li fiha tiġi kkalkulata l-bidla fl-emissjonijiet tas-CO_2 għandu jkun twil jew wiesa' biżżejjed biex ikun rappreżentattiv.

KPI = ((emissjonijiet tas-CO_2 mit-traffiku qabel l-implimentazzjoni jew it-titjib ta' STI — emissjonijiet tas-CO_2 mit-traffiku wara l-implimentazzjoni jew it-titjib) / emissjonijiet tas-CO_2 mit-traffiku qabel l-implimentazzjoni jew it-titjib ta' STI) × 100

3.3. **KPIs finanzjarji**

STI jinkludi kwalunkwe tip ta' sistemi u servizzi flimkien.

Investiment pubbliku* annwali f'STI tat-toroq (bħala % tal-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport totali):

Kostijiet pubbliċi* operattivi u ta' manutenzjoni annwali ta' STI tat-toroq (f'euro għal kull kilometru ta' network kopert):

* *amministrazzjonijiet pubbliċi jew entitajiet li huma proprjetà pubblika*

Fejn possibbli, jekk jogħġbok ipprovdi l-istess ċifri għall-investimenti u għall-kostijiet privati.

ANNESS II

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs, Key performance indicators)

	Isem il-KPI	**Ambitu ġeografiku**	**Skeda ta' żmien**
Varar tal-KPIs	Infrastrutturi / tagħmir għall-ġbir tal-informazzjoni (KPI tat-triq)	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv (mingħajr nodi urbani) + awtostradi	Obbligatorji fl-2025
		Nodi urbani mit-toroq primarji TEN-T +	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
		In-network sħiħ ta' toroq	Il-KPI addizzjonali jridu jiġu pprovduti fuq bażi volontarja
	Detezzjoni tal-inċidenti (KPI tat-triq)	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv (mingħajr nodi urbani) + awtostradi	Obbligatorji fl-2025
		Nodi urbani mit-toroq primarji TEN-T +	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
		In-network sħiħ ta' toroq	Il-KPI addizzjonali jridu jiġu pprovduti fuq bażi volontarja
	Miżuri ta' ġestjoni tat-traffiku u ta' kontroll tat-traffiku (KPI tat-triq)	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv (mingħajr nodi urbani) + awtostradi	Obbligatorji fl-2025
		Nodi urbani mit-toroq primarji TEN-T +	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
		In-network sħiħ ta' toroq	Il-KPI addizzjonali jrid jiġi pprovdut fuq bażi volontarja
	Servizzi u applikazzjonijiet ta' STI kooperattivi (KPI tat-triq)	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv (mingħajr nodi urbani) + awtostradi	Obbligatorji fl-2025
		Nodi urbani mit-toroq primarji TEN-T +	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
		In-network sħiħ ta' toroq	Il-KPI addizzjonali jrid jiġi pprovdut fuq bażi volontarja
	Informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali (KPI tat-triq)	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv (mingħajr nodi urbani) + awtostradi	Obbligatorji fl-2025
		Nodi urbani mit-toroq primarji TEN-T +	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
		In-network sħiħ ta' toroq	Il-KPI addizzjonali jrid jiġi pprovdut fuq bażi volontarja
	Informazzjoni dinamika dwar l-ivvjaġġar (KPI multimodali)	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv (mingħajr nodi urbani) + awtostradi	Obbligatorji fl-2025
		Nodi urbani mit-TEN-T + nodi tat-trasport + toroq primarji	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
		Network sħiħ tat-trasport	Il-KPI addizzjonali jrid jiġi pprovdut fuq bażi volontarja

	Informazzjoni dwar il-merkanzija (jekk possibbli multimodali jew KPI tat-triq)	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv (mingħajr nodi urbani) + awtostradi	Obbligatorji fl-2025
		Nodi urbani mit-TEN-T + nodi tat-trasport + toroq primarji	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
		Network sħiħ tat-trasport	Il-KPI addizzjonali jrid jiġi pprovdut fuq bażi volontarja
KPIs tal-benefiċċji	Bidla fil-ħin tal-ivvjaġġar (KPI tat-triq)	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv + awtostradi	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
	Bidla fl-għadd ta' ħabtiet fit-toroq li jirriżultaw fi mwiet jew f'korrimenti (KPI tat-triq)	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv + awtostradi	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
	Bidliet fl-emissjonijiet ta' CO_2 mit-traffiku (KPI tat-triq)	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv + awtostradi	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
KPIs finanzjarji	Investiment pubbliku annwali f'STI tat-toroq *(+ ċifri għall-investimenti privati fejn possibbli)*	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv (mingħajr nodi urbani) + awtostradi	Obbligatorji fl-2025
		Nodi urbani mit-toroq primarji TEN-T +	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
		In-network sħiħ ta' toroq	Il-KPI addizzjonali jrid jiġi pprovdut fuq bażi volontarja
	Kostijiet pubbliċi operattivi u ta' manutenzjoni annwali ta' STI tat-toroq *(+ ċifri għall-kostijiet privati fejn possibbli)*	TEN-T ewlieni, estiż u komprensiv (mingħajr nodi urbani) + awtostradi	Obbligatorji fl-2025
		Nodi urbani mit-toroq primarji TEN-T +	Obbligatorji fl-2028 (qabel kienu volontarji)
		In-network sħiħ ta' toroq	Il-KPI addizzjonali jrid jiġi pprovdut fuq bażi volontarja